MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 4/2005/1

**Kummissarju ta’ l-Art**

**vs**

**Joseph Pirotta, Harold James Borg u martu Doris minnu assistita u b’digriet tal-5 ta’ Lulju 2006, l-atti kienu legittimati f’isem Susan mart Lewis Julian Zammit, Anne, Cecilia, Godwin, Robert u Thomas ahwa Borg.**

Il-Bord;

Ra r-rikors tar-rikorrent Kummissarju tal-Art li jghid hekk:

“Illi l-intimati gew notifikati b’Avviz ghall-Ftehim datat 7 ta’ Lulju 1970 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franki u liberi tat-tlett bicciet art f’San Giljan u cioe’ (A) bicca art tal-kejl Siegh u tlett Kejliet (1S 3K) li tmiss min-Nofsinhar ma’ proprjeta’ tas-Sur Michael Grech u ohrajn, mill-Punent Majjistur ma’ proprjeta’ tad-Ditta Carmalo

Mallia and Brothers, u mill-Lvant u mit-Tramuntana ma' propjeta' tas-Sur Joseph Pirotta; (B) bicca art tal-kejl tas-Siegh u hames Kejliet u tmien decimi ta' kejla (1S 5.8K) li tmiss min-Nofisnhar ix-Xlokk ma' propjeta tad-Ditta Carmelo Mallia and Brothers, mill-Grieg il-Lvant ma' proprjeta' tas-Sur Joseph Pirotta u mill-Punent u l-Lbic parti minn proprjeta tas-Sur Joseph Pirotta u parti ma' proprjeta' tas-Sinjura Dolores Mifsud; (C) bicca art tal-kejl ta' Tomna Siegh, tlett Kejliet u seba' decimi ta' kejla (1T 1S 3.7K) li tmiss min-Nofsinhar parti minn proprjeta' tas-Sur Joseph Pirotta u ohrajn, u parti ma' proprjeta' ta' Sur Carmelo Mallia u ohrajn, mit-Tramuntana u mill-Lvant ma' proprjeta' tal-Gvern, u mill-Punent ma' proprjeta' tas-Sur Joseph Pirotta u ohrajn, huwa ta' seba' u ghoxrin lira u tlettax-il xelin u erba' soldi (L27.13s 4d) ghall-bicca art immarkata (A), tlieta u tletin lira u erbatax-il xelin (L33. 14s 0d) ghall-bicca art immarkata (B); u mija seba' u erbghin lira. U tmien xelini (L147 8s 0d) ghall-bicca art immarkata (C) kif jidher mir-rapport tal-Perit Rene' Buttigieg A.&C.E. tat-22 ta' Novembru, 1969 u tal-25 ta' Novembru 1969 li estratt taghhom (Dok A u Dok B) huma annessi ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tat-18 ta' Lulju, 1970 l-intimati fost affarijiet ohra ddikjaraw li ma' jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun (1) tlett mitt lira (L300) ghall-bicca art immarkata (A); (2) tlett mija u hamsin lira (L350) ghall-bicca art immarkata (B) u (3) elfejn lira (L2000) ghall-bicca art immarkata (C).

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu, jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franki u liberi l-bicciet art fuq imsemmija, jiffissaw kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88)."

Semgha l-provi;

Semgha lid-difensuri tal-parijiet;

Ikkunsidra:
Illi b'nota tal-Kummissarju tal-Artijiet tas-17 t'Awissu 2005, l-istess informa lill-Bord illi l-plot C mmarkata bil-kulur isfar u bin-numru 2 fuq il-pjanta LD 162/69 kienet rilaxxjata u ghalhekk m'ghandhiex titqies parti mir-rikors;

Illi ghalhekk filwaqt illi l-Bord jastjeni milli jiehu konjizzjoni tar-rikors kwantu 'l fuq imsemmija plot C, qed jestendi din id-decizjoni dwar ir-rimarrenti plots;

Illi l-membri teknici tal-Bord l-Perit AIC Renato Laferla u l-Perit AIC Jos. M Jaccarini, assenjati bhala periti membri fuq dan il-Bord, wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma' din is-sentenza:

Wara li hadu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha li huma hassew li setghu jaffettwaw il-kaz, u partikolarment, kif tali esproprju ghandu jigi stabbilit in konformita' ma dak li tistabilixxi l-ligi u kif ghandhom jigu protetti kostituzjonalment id-drittijiet fondamentali tal-esproprijati, s-sottofirmati qeghdin prezenzjalment jistmaw il-valur ta' dawn l-artijiet bhala fil-kaz ta' (A) Lm1008 (Elf u tmien liri Maltin) u fil-kaz ta' (B) Lm1135 (Elf Mija u Hamsa u tletin lira Maltin) [ illum ekwivalenti ghall-Euro 2348.00 u Euro 2643.84 rispettivament]

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimat li jitrasferixxi bhala libera u franka b'titolu ta' xiri assolut ta' bicctejn art f'San Giljan u cioe' (A) bicca art tal-kejl Siegh u tlett Kejliet (1S 3K) li tmiss min-

Nofsinhar ma' proprjeta' tas-Sur Michael Grech u ohrajn, mill-Punent Majjistur ma' proprjeta' tad-Ditta Carmelo Mallia and Brothers, u mill-Lvant u mit-Tramuntana ma' propjreta' tas-Sur Joseph Pirotta; (B) bicca art tal-kejl tas-Siegh u hames Kejliet u tmien decimi ta' kejla (1S 5.8K) li tmiss min-Nofisnhar ix-Xlokk ma' proprjeta tad-Ditta Carmelo Mallia and Brothers, mill-Grieg il-Lvant ma' proprjeta' tas-Sur Joseph Pirotta u mill-Punent u l-Lbic parti minn proprjeta tas-Sur Joseph Pirotta u parti ma' proprjeta' tas-Sinjura Dolores Mifsud bil-kumpens ta' Euro 2348.00 ghall-plot A u Euro 2643.84 kwantu ghal plot B. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli  bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fit-28 ta' Novembru, 2008 fis-2.30 pm fl-ufficju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Richard Sladden LL.D. biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandu jkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti.  L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-

ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord wara li tkun stabbilita il-valur tal-munita vigenti fis-7 ta' Lulju 1970 komparat mal-valur tal-euro llum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------